Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 31, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 15 ta' Jannar 2014, fil-5.30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Vici-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.) |
| Ambaxxatur (Vot 16) | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

---

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Aggudikar ta' sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013
6. Sejha għall-offerti dwat tabelli u sinjali tat-toroq
7. Deċiżjoni dwar kuntratt numru MXLC11/01 (Cleaning and Maintenance of Public Convience)
8. Laqgħ annwali 2014
9. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv
10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
11. Lista ta' Works orders/purchase orders
12. Affarijiet oħra
13. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**31/01** **Qari tal-Minuti**

31/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta Numru 17(2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

31/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Edric Micallef il-minuti gew unanimament approvati

31/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**31/02** **<u>*Arisings* mill-Minuti</u>**

31/02/01 Ma kienx hemm.

**31/03** **<u>Komunikazzjonijiet tas-Sindku</u>**

31/03/01 Is-Sindku qal illi kienet ittellgħet b'suċċess l-attivita' għal żmien il-Milied 'Is-Suq tal-Milied f'Marsaxlokk'. Għal dan il-għan is-Sindku wera l-apprezzament tiegħu għall-isforz li kien sar mis-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura li kien ħa ħsieb il-kordinament tal-attivita'

31/03/02 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi kienet qiegħda ssir talba sabiex biċċa art żgħira li kien hemm biswit kamra li tagħha l-Kunsill Lokali kien talab devoluzzjoni u li kienet taqa' taħt ir-responsabilita' tal-Lands Department tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali. Fl-istess waqt is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kienet ser tkun qiegħda tiġi evalwata l-possiblita' illi jintalab permess lill-awtoritajie konċernati sabiex il-Kunsill Lokali jingħata permess jibni sular fuq kamra li kienet tinstab fil-bini tal-iskola primarja u li kienet tmiss mal-art li l-Kunsill Lokali kien qiegħed jitlob id-devoluzzjoni tagħha.

31/03/03 Is-Sindku qal illi kellu laqgha mas-Sur J.Montebello rigward *regeneration plan* li kien ġie mfassal għal Marsaxlokk. Is-Sur Edric Micallef żied jgħid illi kienu qiegħdin jinżammu diskussjonijiet rigward il-prijoritajiet marbuta mal-istess pjan u dwar meta l-istess pjan kien ser ikun ippreżentat.

**31/04** **<u>Korrispondenza</u>**

31/04/01 Permezz ta' e-mail datat 20 ta' Diċembru 2013, is-Sur Matthew Bugeja f'isem is-Sotto-Kumitat Żgħażagħ u Kultura, għadda lill-Kunsill Lokali rendikont finanzjarju tal-attivita' 'is-Suq tal-Milied f'Marsaxlokk li kienet ittellgħet nhar l-14 u l-15 ta' Diċembru 2013.

31/04/02 Permezz ta' e-mail datat 16 ta' Diċembru 2013, is-Sur Matthew Bugeja informa lis-Sindku u membri tal-Kunsill Lokali illi l-ġabra ta' fondi b'risq id-Dar tal-Provvidenza li kienet saret waqt l-attivita' tal-Milied 2013 kienet tammonta għal €242.06.
Is-Sindku qal illi l-ammont imsemmi kien ġie ppreżentat minnu lill-imsemmija għaqda waqt attivita' li kienet ittellgħet nhar l-1 ta' Jannar 2014.

31/04/03 Permezz ta' ittra datata 20 ta' Diċembru 2013, il-kumpanija GO plc infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'effett mill-1 ta' Frar 2014, l-istess kumpanija kienet ser tkun qiegħda twaqqaf kuntratt mal-Kunsill Lokali li kien jawtorizza lill-istess Kunsill Lokali jaċċetta ħlasijiet tal-kumpanija GO plc.

31/04/04 Permezz ta' e-mail datat 15 ta' Jannar 2014, is-Sa. Bernardette Theuma f'isem Green MT, infurmat lill-Kunsill Lokali illi skips li kienu qiegħdin jitpoġġew mill-istess kumpanija kull nhar ta' Ħadd sabiex jintużaw għal skart riċiklat ma kenux leħqu r-riżultati mixtieqa u kienu qiegħdin jintużaw għar-rimi ta' skart imħallat. Għaldaqstant, Green MT kienet iddeċidiet illi twaqqaf is-servizz.

31/04/05 Permez ta' e-mail datat 14 ta' Jannar 2014, is-Sur Peter Arthur ilmenta mal-Kunsill Lokali rigward skart li kien qiegħed jiġi mormi illegalment fi Triq Bir Rikka. Wara diskussjoni qasira li matulha ġiet evalwata l-inkonvenjenza li kien irraporta s-Sur Arthur, il-Kunsill qabel illi kellha tinġibed l-attenzjoni tal-awtoritajiet konċernati sabiex il-*Green Wardens* ikunu jistgħu jissorveljaw iż-żona.

31/04/06 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Jannar 2014, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto, f'isem Transport Malta wieġbet għal talba li kien għamel il-Kunsill Lokali sabiex Triq ix-Xambekk u Triq il-Felukka isiru one-way. F'dan ir-rigward Transport Malta kienet qiegħda tagħti parir lill-Kunsill Lokali sabiex issir konsultazzjoni mar-residenti dwar il-proposta.
Wara diskussjoni qasira dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti illi l-Kunsill Lokali kellu jibgħat ittra fid-djar tar-residenti kkonċernati bil-għan illi tinkiseb l-opinjoni tal-pubbliku dwar il-miżuri proposti.

31/04/07 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Jannar 2014, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta ma kienet issib ebda oggezzjoni kemm il-darba fi Triq Melqart isiru *speed cushions* sakemm dawn isiru skond ir-regolari stabbiliti minn Transport Malta.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha giet evalwata l-materja in-kwistjoni. Finalment fuq proposta tas-Sur Edric Micallef u li giet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill qabel illi ghandhom isiru żewġ settijiet ta' *speed cushions* fi Triq Melqart hekk kif propost oriġinarjament.

31/04/08 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Jannar 2014, l-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgħa pubblika li kienet ser tinżamm nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2014, ġewwa l-bini tal-iskola primarja bil-għan illi jiġi diskuss l-*Environmental Impact Assessment* relatat mal-impjant il-ġdid tal-power station ta' Delimara

31/04/09 Permezz ta' e-mail datat 11 ta' Jannar 2014, is-Sa Rachel Cremona f'isem EducA International talbet lill-Kunsill Lokali permess sabiex tittella' attivita' fi Pjazza Madonna ta' Pompei. L-attivita' kienet tikkonsisti f'bejgħ ta' *cupcakes* f'Ħadd partikolari.
Wara diskussjoni qasira dwar it-talba msemmija, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għall-attivita'.

31/04/10 E-Mail datat 30 ta' Diċembru 2013 li permezz tiegħu, is-Sa Borg Marie Jeanne f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħtet lill-Kunsill Lokali kopja ta' Memo 34/2013 li kien jittratta sejħiet għal-offerti dwar manutenzjoni tad-dawl fit-toroq.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega lill-Kunsilliera preżenti s-sitwazzjoni tal-kuntratt tal-manutenzjonitad-dawl fit-toroq u l-fatt illi l-istess kuntratt kien skada. Is-Sur Hall żied jgħid illi s-sitwazzjoni ma kenitx tikkonċerna biss lill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk għaliex il-kuntratti tal-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq kienu inħarġu b'mod konġunt.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha ġiet diskussa l-materja in-kwistjoni. Fost l-oħrajn ġiet diskussa l-possibilita' illi l-Kunsill Lokali joħroġ sejħa għall-offerti ghax-xogħol imsemmi individwalment. Finalment, inteħaq qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti ma' Kunsilli Lokali oħra sabiex jara kif kienet ser tiżviluppa l-materja. Deċiżjoni dwar din it-tema kellha tittieħed fis-seduta segwenti wara li tkun ġiet evalwata s-sitwazzjoni

31/04/11 Permezz ta' e-mail datat 9 ta' Jannar 2014, MEUSAC infurmat lill-Kunsilli Lokali b'laqgħat ta' informazzjoni li kienu ser jittellgħu b'konessjoni mal-programm ERASMUS+.
Wara diskussjoni qasira dwar it-tema, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jkun irrappreżentat mis-Sur Marlon Grech u mill-Kunsillier Steven Grech.

31/04/12 Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Jannar 2014, is-Sur Pio Farrugia, f'isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali bl-allokazzjoni finanzjarja ghall-perjodu Jannar-Diċembru 2014 li kienet tammonta għal €325 488.

31/04/13 Permezz ta' e-mail datat 10 ta' Jannar 2014, il-kunsill Lokali informa lis-Sa. Ambel Busuttil illi l-ġranet idejali sabiex jittellgħu sessjonijiet ta' informazzjoni għall-pubbliku f'*first aid* kienu nhar it-t12 u t-13 ta' Frar 2014.
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi l-amministrazzjoni kienet ħadet ħsieb tinforma lill-pubbliku dwar l-imsemmija sessjonijiet u gie irreġistrat interess. Għaldaqstant, kien hemm probabilita' tajba illi jittellgħu żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni.

31/04/14 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill Lokali ġibed l-attenzjoni tas-Sur Mark Żammit, f'isem l-Assoċjazzjoni Bejjiegħa tal-Monti, rigward il-kwantita' ta' skart li kien qiegħed jitħalla matul Xatt is-Sajjieda minn bejjiegha li joperaw fis-Suq fil-Beraħ ta' nhar ta' Ħadd.

31/04/15 Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar 2014, il-Kunsill Lokali ġibed l-attenzjoni tal-proprjetarju tal-istabbiliment 'Rising Sun Bar' rigward allegat abbuż biswit l-istess stabbiliment u widdbu sabiex kemm il-darba l-abbuż kien seħħ minnu, jara illi jiregolarizza ruħu.

31/04/16 Permezz ta' ittra datata 6 ta' Jannar 2014, il-Kunsill Lokali talab lil ARMS Ltd. sabiex isir qari tal-arloġġi tad-dawl u ilma f'*winchrooms* li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda. Dan sabiex ikunu jistgħu jitħallsu kontijiet pendenti u jsir trasferiment tal-istess arloġġi.

31/04/17 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' Jannar 2014, is-Sur Noel Castillo, f'isem *Leon Promotions*, talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi l-kumpanija tiegħu tingħata l-kordinament tal-attivitajiet relatati ma' żmien il-Karnival hekk kif sehh fil-passat.
Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu l-attivitajiet imtella mill-kumpanija *Leon Promotions* fi żmien il-Karnival dejjem irriżultaw f'suċċess bin-numru ta' nies li jżuru l-istess attivitajiet ikun wieħed konsiderevoli. Għal dan il-għan fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill Lokali kellu jerġa' jafda l-kordinament tal-attivitajiet f'idejn l-imsemmija kumpanija. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li Leon Promotions kellha tieħu ħsieb torganizza attivita' nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu 2014 relatata mal-karnival. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill Lokali unanimament approva s-somma ta' €2500 għall-imsemmija attivita'.

31/04/18 Permezz ta' e-mail datat 13 ta' Jannar 2014, is-Sur Mario Camilleri, f'isem Leisure & Animation Enterprises offra s-servizzi tiegħu sabiex tittella' attivita' relatata ma żmien il-karnival. L-attivita' kienet tinkludi parata matul Xatt is-Sajjieda u programm ta' attivitajiet fi Pjazza Madonna ta' Pompei.

Is-Sur Edric Micallef qal illi l-Kunsill Lokali kien diġa’ ddeċieda illi l-attivita’ ta’ żmien il-karnival għall-2014 kienet ser tkun qiegħda tiġi mtella’ mill-kumpanija Leon Promotions. Għaldaqstant ma kienx jagħmel sens illi l-Kunsill Lokali jikri wkoll is-servizzi tal-kumpanija tas-Sur Camilleri. Is-Sindku żied jgħid illi huwa kien tal-opinjoni illi kellu jsir kuntatt mas-Sur Camilleri sabiex il-kumpanija tiegħu tingħata l-opportunita’ li tħejji programm li kellu jikkumplimenta serata mill-Malta International Fireworks Festival li kienet ser tittella’ ġewwa Marsaxlokk nhar il-Gimgha 25 ta’ April 2014.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellu jsir kuntatt mas-Sur Camilleri sabiex jipproponi programm ta’ attivitajiet hekk kif imsemmi mis-Sur Edric Micallef

**31/05** **<u>Aġġudikar ta’ sejħa għall-offerti numru MXLC06/2013</u>**

31/05/01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi hekk kif stabbilit fis-seduta preċedenti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet talbet il-pariri tad-Dipartiment tal-Kuntratti u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward xi nuqqasijiet li kienu ġew osservati f’żewġ offerti partikolari. Il-Kunsill Lokali kien irċieva indikazzjonijiet dwar it-talbiet li kien għamel u ġie infurmat illi filwaqt li offerta li kienet issottomettiet WM Environmental Ltd. ma kenitx valida, offerta mitfugħa mis-Sur Frankie Mifsud kiene valida u setgħet tiġi ikkunsidrata. Is-Sur Hall zied jgħid illi l-informazzjoni kollha dwar is-sejħa għall-offerti kienet ġiet mgħoddija lill-bord ta’ evalwazzjoni li min-naħa tiegħu kien evalwa l-offerti kollha u rrakkomanda li s-sejħa għall-offerti tingħata lis-Sur Frankie Mifsud.

31/05/02 Is-Sur Edric Micallef qal illi mill-evalwazzjoni li kien għamel il-bord kien irriżulta illi minbarra l-fatt illi kellu l-orħos offerta, is-Sur Mifsud kien issottometta dokument li kien jilħaq it-talbiet tal-Kunsill Lokali u għaldaqstant ma kien hemm ebda raġuni għaliex ma kellux jingħata x-xogħol. Is-Sur Angelo Micallef filwaqt li qabel ma dak li kien qal is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill Lokali jilqa’ r-rakkomandazzjoni tal-bord ta’ evalwazzjoni u jaġġudika s-sejħa lis-Sur Frankie Mifsud. Is-Sur Carmelo Bugeja issekonda l-proposta tas-Sur Angelo Micallef u kien hemm votazzjoni unanima.

**31/06** **<u>Sejħa għall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-toroq</u>**

31/06/01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu mal-koperativa KOPTASIN kien skada u ma setax jerġa jiġġedded. Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jieħu deċiżjoni dwar jekk għandiex tinħraġ sejħa għall-offerti mill-ġdid.

31/06/02 Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu joħroġ sejħa għall-offerti dwar tabelli u sinjali tat-toroq.

**31/07** **<u>Deċiżjoni dwar kuntratt numru MXLC101/01 (Cleaning and anttendance of Public Conveniences)</u>**

31/07/01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera preżenti illi kien jinhtieġ illi tittieħed deċiżjoni dwar kuntratt numru MXLC11/01. Is-Sur Hall żied jgħid illi l-Kunsill Lokali kien wasal fi qbil mal-Cleansing Services Department sabiex l-istess CSD tgħin lill-Kunsill Lokali billi tipprovdi attendants mal-latrini pubbliċi tal-lokalita’ . Dan il-ftehim kellu jibqa’ jgħodd sakemm il-Kunsill Lokali joħroġ u jaġġudika sejħa

għaż-żamma tal-latrini pubbliċi. Wara diskussjoni libera, ġie stabbilit illi kemm il-darba, hekk kif imsemmi l-Cleansing Services Department jikkonferma illi l-għajnuna kienet ser tingħata għall-perjodu msemmi, il-Kunsill Lokali ma kellux bżonn is-servizzi tal-kuntrattur privat. Għaldaqstant, bi qbil unanimu, il-Kunsill Lokali ddeċieda illi hekk kif isiru l-arranġamenti meħtieġa mal-Cleansing services Department, kuntratt numru MXLC11/01 jiġi tterminat. Dwar dan l-arranġament kellu jiġi infurmat il-kuntrattur tal-Kunsill Lokali.

**31/08** **Laqgħa Annwali tal-lokalita' 2014**

31/08/01 Is-Sindku qal illi kien jinħtieġ illi l-Kunsill Lokali jieħu deċiżjoni dwar meta kienet ser tittella' l-laqgħa annwali għall-2014. Is-Sur Edric Micallef zied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu il-laqgħa annwali kellha tittella' wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika dwar l-*Environmental Impact Assessment* tal-impjant il-ġdid tal-Power Station ta' Delimara. Kien hemm qbil ma' dak li kien qal is-Sur Micallef u ġie unanimament deċiż illi l-laqgħa annwali tal-lokalita' kellha tinżamm nhar l-Erbgha 29 ta' Jannar 2014 fis-6:00p.m.ġewwa sala Peter the Great li kienet tinstab fi Triq Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk

**31/09** **Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv**

31/09/01 Is-Sindku qal illi flimkien wara li kien evalwa l-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv kien ħa ħsieb illi jipprepara l-Performance Bonus Appraisal tas-Sur Duncan Hall għas-sena 2013. Is-Sur Edric Micallef ressaq kopja tar-rapport imsemmi fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali.Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'mod unanimu, il-Kunsill qabel li ghandu jirrakkomanda illi s-Sur Hall jinghata l-massimu ta' 10% tal-performance bonus ghall-2012.
Is-Sur Hall irringrazzja lil dawk prezenti.

**31/10** **Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

31/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda skeda ta' pagamenti (Skeda 01/2014) ghall-approvazzjoni.

31/10/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fi skeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**31/11** **Lista ta' Works Orders/Purchase Orders**

31/11/01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works/orders puchase orders għall-perjodu Diċembru 2013 / Jannar 2014.

31/11/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Angelo Micallef, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**31/12** **Affarijiet oħra**

*Garanzija bankarja tas-Sur Frans Camilleri*

31/12/01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien ġie avviċinat mis-Sur Frans Camilleri, eks-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku, li min-naħa tiegħu kien

infurmah illi matul l-2004 kien ipproduċa s-somma ta' €1164.69 fi flus kontanti bħala garanzija bankarja għal kuntratt li kien taħ il-Kunsill Lokali. Is-Sur Camilleri kien saħaq illi l-imsemmija garanzija bankarja ma kenitx ingħatatlu lura peress li baqgħet isservi għal kuntrattili kien tah l-istess Kunsill Lokali sussegwentement. Is-Sur Hall qal illi wara li kien iċċekkja l-kotba tal-bank flimkien mal-*accountant* tal-Kunsill Lokali irriżulta illi l-ammont imsemmi mis-Sur Camilleri kien korrett u s-somma ta' €1164.69 kienet għadha tidher bħala *accrual* fil-kotba tal-Kunsill Lokali. Għaldaqstant, l-ammont imsemmi kellu effettivament jiġi rritornat lis-Sur Frans Camilleri.

31/02/02 Wara diskussjoni qasira, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Edric Micallef, issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja, il-Kunsill unanimament approva li jirritorna l-ammont dovut lis-Sur Frans Camilleri

**31/13 <u>Aġġornament</u>**

31/13/01 Il-laqgha spiccat fit-8:00pm. Wara li ġiet eżawrita l-aġenda u giet aggornata għal nhar

____________________

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

____________________

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data: ____________________